MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 747/2012

**John Mary *sive* Jimmy Thewma u martu Theresa Theuma f'isimhom personali u bħala mandatarji ta' binthom assenti Paulianne Theuma; Josette Brincat; Rosalie Theuma; Pierre Theuma f'ismu personali u għan-nom u bħala kuratur ta' ibnu l-minuri Kearon kif nominat b'digriet tat-3 t'Awissu 2012; Justin John Theuma; u Sherylee Tracy Theuma.**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fis-27 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi huma ntavolaw din il-kawża peress illi l-kunjom tar-rikorrenti John- Mary *sive* Jimmy Thewma huwa divers minn kif inhu miktub dak ta' martu rikorrenti f'dan l-istess

rikors, fejn huwa mitkub bħala “Theuma”, u dan minn kif jidher minn kopja tal-Karta tal-Identita’ tal-istess John-Mary Thewma u ta’ martu Theresa Theuma, hawn annessi u mmarkati bħala Dok A u Dok B rispettivament;

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti John-Mary *sive* Jimmy Thewma maħruġ mir-Reġistru Pubbliku bin-numru 4720 tas-sena 1951anness u mmarkat Dok C l-kunjom ta’ missieru Joseph huwa miktub bhala “Thewma” kif huwa mniżżel ukoll fuq il-karta tal-identita’ kif spjegat f’paragrafu 1 ta’ dan ir-rikors;

Illi għaldaqstant saret riċerka fir-Reġistru Pubbliku għaċ-ċertifikat tat-twelid ta’ missier ir-rikorrent John-Mary *sive* Jimmy;

Illi missier John-Mary *sive* Jimmy jismu Joseph u nstab illi l-kunjom tiegħu kien miktub bħala “Teuma” u dan minn kif jidher mic-certifikat tat-twelid maħruġ mir-Reġistru Pubbliku, liema Att tat-Twelid jġib in-numru 2267 u qiegħed jiġi anness ma’ dan ir-rikors u markat bħala Dok D;

Illi l-avukat sottofirmat pprova jagħmel riċerka ta’ missier missier ir-rikorrent John-Mary *sive* Jimmy li jismu Michael li twieled fl-1891 imma ġie nfurmat mill-iskrivan u uffiċjal tal-istess Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku ta’ Malta illi tali Atti f’dawk is-snin pjuttost imbiegħda ma humiex possibbli li jinstabu fir-Reġistru Pubbliku;

Illi għaldaqstant sar stħarriġ fl-arkivji tal-Knisja Parrokjali tal-Gudja fjen tgħamdu l-imsemmija Joseph u Michael li jiġu missier u n-nannu tal-istess rikorrent John-Mary Thewma;

Illi hemm nstab illi kemm il-kunjom tal-imsemmi Joseph kif ukoll dak ta’ Michael huma mniżla bħala “Teuma” u dan min kif jidher miċ-ċertifikat tal-Magħmudija u tal-mewt ta’ Ġużeppi kif ukoll dak tal-Magħmudija, taż-żwieġ u tal-mewt ta’ Mikiel, liema estratti mill-oriġinal qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok E, Dok F, Dok G, Dok H, Dok I, rispettivament;

Illi l-istess diċitura ta' "Teuma" rrepetiet ruħha fil-każ taċ-ċertifikat tal-Magħmudija tar-rikorrent John-Mary *sive* Jimmy, maħruġ mill-Parroċċa ta' Birżebbuġa, liema ċertifikat oriġinali qiegħed jiġi anness u markat bħala Dok J;

Illi minn dan kollu joħroġ ċar illi l-bdil fil-mod kif jinkiteb il-kunjom tal-familja tar-rikorrenti John-Mary *sive* Jimmy, u ċjoe' jekk hux "Teuma" jew "Thewma" jidher illi sar jew minħabba nuqqas ta' attenzjoni mill-uffiċjali konċernati li kitbu ċ-ċertifikati rispettivi f'dak iż-żmien jew inkella sempliċiment mod kif l-awtoritajiet ċivili ta' dak iż-żminijiet bdew jiktbu l-kunjomijiet f'dawk iż-żminijiet peress li sat-Tieni Gwerra Dinjija l-kunjomijiet kienu jinkitbu taljanizzati waqt li wara ħafna minnhom bdew jingħataw diċitura Ngliża mingħajr ma taw każ tal-konsegwenzi li kienu jistgħu jinqalgħu fil-futur;

Illi fuq dan il-fatt ġieli kkummentaw fuqu l-Qrati Maltin, fosthom fil-kawża **"Jason Paul Grixti vs Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku"** (Cit Nru 2584/2000/1) mogħtija nhar l-24 ta' Ottubru, 2002 mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef;

Illi bħal kif espressament osservat mill-Onorabbli Qorti fil-każ ċitat, paġna 4: *"it-talba għal bdil fil-kunjom għandha iżjed tirnexxi meta jkun jidher ċar mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' żball"*;

Illi kif kompliet tosserva l-Onorabbli Qorti f'paġna 5 tal-każ ċitat, *"jekk għat-terzi t-talba tal-attur ma huwa maħsub li toħloq l-ebda preġudizzju, it-talba tal-attur hija mmirata għal benefiċċju li jeħilsu minn qagħda ta' inkonsistenza li tinsab fit-tagħrif dokumentali uffiċjali dwaru"*;

Illi tali raġunament huwa l-fehma umli tar-rikorrenti atturi f'din il-kawża;

Illi minn dak li ġie spjegat fuq joħroġ ċar illi filwaqt li ċ-ċertifikat tal-Magħmudija, żwieġ u mewt mill-Uffiċċji Parrokjali tal-Gudja u Birżebbuġa rispettivament, hemm

konsistenza fil-mod li jinkiteb l-kunjom tal-familja tar-rikorrenti, u ċjoe' "Teuma", fil-każ tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti John Mary *sive* Jimmy maħruġ mir-Reġistru Pubbliku, dan huwa mniżżel bħala "Thewma" waqt illi fil-każ ta' missier ir-rikorrenti (Joseph) u nannuh (Michele) dawn għandhom l-kunjom tagħhom DEJJEM miktub għala "Teuma";

Illi minn dan l-eżami akkurat tad-diċitura tal-kunjom tal-antenati tar-rikorrenti John Mary joħroġ ċar illi l-iżball ċentrali sar meta nħareġ l-Att tat-twelid tal-istess rikorrent għaliex l-kunjom ta' missier ir-rikorrent, Joseph, ġie miktub bħala "Thewma" u mhux aktar bħala "Teuma" kif kien jinkiteb qabel u kif jidher ukoll fl-istess Att tat-Twelid tal-istess Joseph, u dan minn kif jidher ċar mid-dokumenti annessi tal-istess Atti tat-twelid tal-imsemmija rikorrent John Mary fl-1951 u ta' missieru Joseph fl-1891 li jiġi iben Mikiel, dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok C u Dok D rispettivament;

Illi r-rikorrenti John Mary *sive* Jimmy u martu Theresa, rikorrenti wkoll f'dan ir-rikors, għandhom kull impressjoni illi safejn huma nfurmati u jiftakru, hu John Mary u ċjoe' Frank *sive* Ċikku li miet l-Awstralja madwar erba' (4) snin ilu, kien ukoll jiffirma konjomu "Teuma" u mhux bl-"h" u bid-"w" bħalma huwa l-każ tar-rikorrenti John Mary *sive* Jimmy;

Illi r-rikorrenti disposti li jipproduċi Atti tat-twelid ta' membri tal-familja tar-rikorrent John Mary *sive* Jimmy jekk din il-Qorti tħoss il-ħtieġa u għal dan il-għan anness ma' dan ir-rikors ir-rikorrenti qegħdin jippreżentaw lista tal-antenati tal-familja tar-rikorrent John Mary *sive* Jimmy, liema lista hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok K u ġiet maħruġa bit-timbru uffiċjali mill-Uffiċċju Parrokjali tal-Parroċċa Arċimatriċi ta' Santa Marija tal-Gudja speċifikament fl-andament tar-riċerka fuq kunjom ir-rikorrenti, liema riċerka tmur lura għat-twelid ta' Mikiel li jiġi n-nannu tar-rikorrent li twieled fl-1860;

Illi minn kif allura qiegħed jiġi spjegat, l-ittri li żdiedu kif il-kunjom kien dejjem inkiteb sal-1951kienu bl-ittri "h" u "w" u

allura minflok id-diċitura “Teuma” l-kunjom tar-rikorrenti beda jinkiteb “Thewma”;

Illi terġa u tgħid, kunjom mart ir-rikorrenti, Theresa għandha l-kunjom miktub differenti minn tal-istess rikorrenti u dan għaliex fuq il-Karta tal-Identita’ hawn annessa u mmarkata Dok B, l-kunjom huwa miktub “Theuma”;

Illi *oltre* minn hekk, fuq l-Atti tat-Twelid kollha ta’ wlied ir-rikorrenti u ċjoe’ Paulianne Theuma (324477M), Josette Brincat (177275M), Rosalie Theuma (119181M), Pierre Theuma (384383M), Justin John Theuma (553388M), Sherylee Tracy Theuma (692M), il-kunjom huwa miktub differenti minn dak ta’ missierhom l-istess John Mary *sive* Jimmy, u dan għaliex il-kunjom taghhom huwa dejjem miktub “Theuma” u li allura huwa differenti minn kif jidher fuq l-Att tat-twelid tiegħu u tal-Karta tal-Identita’ tiegħu, u dan minn kif wieħed jista’ jara mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok C u Dok A rispettivament;

Illi tali differenzi fil-kitba tal-kunjom tal-familja qiegħed joħloq u aktar ser joħloq diffikultajiet, speċjalment meta jsiru riċerki testamentarji u kuntratti fil-futur li ser isiru mir-rikorrenti John Mary *sive* Jimmy u martu Theresa fil-futur qarib;

Illi minn kif din l-Onorabbli Qorti tista’ tara qiegħed jinħoloq taħwid anke kif jinkiteb kunjom ir-rikorrent fil-kuntratti li huwa resaq għalihom u dan min kif jidher mill-kopja ta’ tlett kuntratti fl-Atti tan-Nutar Joseph R. Darmanin, liema kuntratti huma hawn annessi u mmarkati bħala Dok M, Dok N, Dok O fejn il-kunjom ġie miktub bħala “Theuma”;

Illi tali diffikultajiet jkunu aktar fil-każ meta r-rikorrenti Paulianne Theuma li qiegħda residenti b’mod permanenti fi New Zealand qiegħda tara u tiltaqa’ ma’ diffikultajiet potenzjali fit-tranżazzjonijiet tagħha, u dan għaliex il-kunjom tagħha huwa differenti minn dak ta’ missierha John Mary *sive* Jimmy.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li a tenur tal-artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mod kif fil-każ tar-rikorrenti għandhom jiktbu kunjomhom huwa dak ta' "Teuma" kif fil-fatt kien il-kunjom ta' missier missier (in-nannu) tar-rikorrenti John Mary *sive* Jimmy, u dan minn kif joħroġ mill-Att tat-Twelid ta' Giuseppi, missier ir-rikorrent John Mary *sive* Jimmy, liema dokument huwa anness u mmarkat bħala Dok D kif ukoll miċ-ċertifikat tat-twelid u l-mewt ta' missier ir-rikorrent u nannuh maħruġin mill-Parroċċa Arċimatriċi tal-Gudja hekk kif diġa' ġew ċitati u ma' dan ir-rikors annessi u mmarkati bħala dokumenti Dok E, Dok F, Dok G, Dok H, Dok I u ċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess rikorrenti maħruġ mill-Parroċċa tal-Gudja hawn anness u mmarkat Dok J;

2. Tordna sabiex jiġu korretti l-Atti tat-Twelid tar-rikorrenti hawn annessi u mmarkati Dok C, Dok 1, Dok 2, Dok 3, Dok 4, Dok 5, Dok 6, u Dok 4A maħruġa mir-Reġistru Pubbliku, bin-numru 4720, 1772, 3244, 1191, 3843, 5533, 6 u 882 rispettivament, fis-sens illi fil-kolonna intestata *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-kunjom "Theuma" jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Teuma";

3. Tordna li dan il-bdil effetwat fl-atti tat-twelid jiġi rifless ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv tar-rikorrenti, u ċjoe' l-att (iċ-ċertifikat) taż-żewġ tar-rikorrenti John Mary u martu Theresa kif ukoll fil-karta tal-identita' tar-rikorrenti Paulianne Theuma (324477M), Josette Brincat (177275M), Rosalie Theuma (119181M), Pierre Theuma (384383M), Justin John Theuma (553388M), Sherylee Tracy Theuma (692M) kif ukoll l-att tat-twelid tal-minuri Kearon (Dok 4A);

4. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jikkoreġi tali żball fl-Atti tat-twelid tar-rikorrenti John Mary, u fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ma' martu Theresa, fil-Karta tal-Identita' tal-istess rikorrenti John Mary u martu Theresa,

kif ukoll fl-Att tat-twelid u l-Karta tal-identita' tar-rikorrenti Josette, Paulianne, Rosalie, Pierre, Justin John, Sherylee, u l-minuri Kearon li f'din il-kawża qiegħed ikun rrapreżentat minn missieru Pierre, u fis-sens illi kull fejn jidher il-kunjom tal-atturi "Thewma" jew "Theuma" jigi mibdul bil-kelma "Teuma" fl-atti kollha tat-twelid, fil-Karta tal-Identita' u f'kull att tal-istat Ċivili relattiv tal-atturi;

5. Tikkundanna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bl-ispejjeż ta' din il-kawża u dan in vista tal-fatt li min kif huwa dikjarat fl-Att tat-twelid ta' Guzeppi Thewma u Mikiel Teuma, Dokumenti C u D rispettivament, il-missirijiet tagħhom iddikjaraw li kienu illitterati u għaldaqstant kienet ir-responsabilita' aħħarija tal-uffiċjal nkarigat mill-ħruġ tal-istess ċertifikati li jiżgura l-korrettezza fil-kliem tal-istess ċertifikati rispettivi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku preżentata fl-24 t'Awissu 2012 fejn ġie eċ ċepit:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, it-tieni talba tar-rikorrenti rigwardanti l-atti tat-twelid oriġinali bin-numru progressiv 4720/1951 (John Mary), 1772/1975 (Josette), 3244/1977 (Paulianne), 1191/1981 (Rosalie), 3843/1983 (Pierre), 5533/1988 (Justin John), u 6/1991 (Sherylee Tracy) huma insostenibbli *stante* li l-imsemmijin Atti tat-Twelid ma jipprovdu l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

Illi mill-bqija l-esponent ma jsibx oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti minn "Thewma" jew "Theuma" għal "Teuma", salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-atti tal-istat ċivili msemmija mir-rikorrenti, u dan għas-segwenti raġunijiet:

Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid tal-missier, u ċjoe' John Mary fis-sena 1951, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

Illi fl-atti ta' twelid tal-kumplament tar-rikorrenti kien proprju:

John Mary missier ir-rikorrenti Josette, Paulianne, Rosalie, Pierre, Justin John u Sherylee Tracy li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikati rispettivi tar-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

Pierre missier u Alessia omm ir-rikorrent Kearon li kienu d-dikjaranti u taw l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tar-rikorrenti u saħansitra ffirmaw l-istess att.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tal-10 ta' Diċembru 2012 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikati fir-rikors qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti

dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja dwar korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-kunjom *Thewma* ġie miktub ħażin fiċ-ċertifikati ndikati mir-rikorrenti (*Teuma*) u kwindi t-talba hija ġustifikata. Il-Qorti pero' ma tistax tordna t-tiswijiet f'dawk l-atti li ma ġewx indikati fir-rikors promotorju u allura se tilqa' t-talbiet biss b'riferenza għall-atti msemmija. Fir-rigward tal-ispejjeż huwa minnu li seta' kien hemm nuqqas mill-uffiċjali konċernati pero' dan ma ġiex pruvat suffiċjentement u allura l-Qorti se tordna li l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Għaldqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward tal-atti msemmija fit-talbiet kontenuti fir-rikors promotorju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------